

Brussell, 12 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7297/26

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0072 (COD)

AVIATION 44
CONSOM 83
CODEC 441

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 129 final
Suġġett:	OPINJONI TAL-KUMMISSJONI skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitiġħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 129 final.

Mehmuż: COM(2026) 129 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2026
COM(2026) 129 final

2013/0072 (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-
kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta'
kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-
responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u
l-bagalji tagħhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 294(7)(c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Kummissjoni trid tagħti opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tagħti l-opinjoni tagħha hawn taħt dwar il-243 emenda proposti mill-Parlament fir-rigward tal-proposta msemmija hawn fuq.

2. SFOND

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill 13 ta' Marzu 2013
(dokument COM(2013) 130 final – 2013/0072 COD):

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 5 ta' Frar 2014

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata lill-Kunsill: M/A

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari: 16 ta' Settembru 2025

Id-data tal-emendi tal-Parlament Ewropew fit-tieni qari: 21 ta' Jannar 2026

3. OĠĠETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-infurzar billi tiċċara l-prinċipji ewlenin u d-drittijiet impliċiti tal-passiġġieri li fil-passat wasslu għal ħafna tilwim bejn il-linji tal-ajru u l-passiġġieri u billi ttejjeb u tikkordina aħjar il-politiki ta' infurzar fil-livell nazzjonali, filwaqt li tqis il-kapaċitajiet finanzjarji tat-trasportaturi bl-ajru. Għandha wkoll l-għan li tiżgura infurzar aħjar tad-drittijiet tal-passiġġieri fir-rigward ta' ġestjoni ħażina tal-bagalji.

4. OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT EWROPEW

4.1. Sommarju tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni

Il-Parlament Ewropew adotta 243 emenda. Il-Kummissjoni tista' taċċetta 115-il emenda kif inhuma (1 sa 8, 12, 14, 15, 17, 18, 19, 21, 24, 26 sa 33, 35 sa 39, 42, 45, 46, 47, 53, 56, 59, 60, 64, 65, 66, 69, 71, 77, 78, 80, 81, 82, 83, 89, 92, 95, 96, 98, 109, 110, 113, 115, 116, 117, 119 sa 123, 125 sa 128, 130, 135, 137 sa 142, 147, 148, 146, 150, 153, 157, 164 sa 167, 169 sa 172, 174 sa 178, 181, 183, 184, 188, 190, 195 sa 198, 200, 201, 203, 206 sa 210, 241 sa 243).

Il-Kummissjoni tista' taċċetta 92 emenda parzjalment, soġġetti għal riformulazzjoni jew għal qbil fil-prinċipju (9, 10, 11, 16, 20, 22, 23, 40, 43, 44, 49, 51, 52, 70, 74, 84, 85, 86, 88, 90, 91, 93, 94, 97, 99, 100 sa 107, 111, 114, , 124, 131 sa 134, 136, 143, 144, 149 sa 152, 154, 155, 156, 158, 159, 160, 161, 162, 163, 173, 179, 180, 185, 187, 189, 192, 193, 194, 199, 205, 211, 212, 215 sa 239).

Il-Kummissjoni ma tistax tappoġġa 36 emenda (13, 25, 34, 41, 48, 50, 54, 55, 57, 58, 61, 62, 63, 67, 68, 72, 73, 75, 76, 79, 87, 108, 112, 118, 129, 145, 151, 168, 182, 186, 191, 202, 204, 213, 214 u 240).

Il-Kummissjoni hija sodisfatta bl-isforzi li saru mill-Parlament Ewropew biex itejjeb id-dispożizzjonijiet li jsaħħu l-livell ta' protezzjoni tal-passiġġieri u li jtejb u l-infurzar tad-drittijiet tagħhom meta mqabbla mal-pożizzjoni inizjali tal-Kunsill.

4.2. Emendi tal-Parlament fit-tieni qari

Ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni huma deskritti hawn taħt, b'enfasi fuq l-emendi l-aktar sinifikanti.

4.2.1. Emendi aċċettati

Il-Kummissjoni taċċetta l-emendi 1 sa 8, 12, 14, 15, 17, 18, 19, 21, 24, 26 sa 33, 35 sa 39, 42, 45, 46, 47, 53, 54, 56, 59, 60, 64, 65, 66, 69, 71, 77, 78, 80, 81, 82, 83, 89, 92, 95, 96, 98, 109, 110, 113, 115, 116, 117, 119 sa 123, 125 sa 128, 130, 135, 137 sa 142, 147, 148, 146, 150, 153, 157, 164 sa 167, 169 sa 172, 174 sa 178, 181, 183, 184, 188, 190, 195 sa 198, 200, 201, 203, 206 sa 210, 241 sa 243.

Dawn l-emendi jipprovdu kjarifiki tad-definizzjonijiet, tad-drittijiet tal-passiġġieri u tal-obbligi tat-trasportaturi bl-ajru u tal-intermedjarji. Itejbu wkoll it-test tal-Kunsill li jikkonċerna b'mod partikolari t-trattament tal-ilmenti mit-trasportaturi bl-ajru u mill-intermedjarji, in-nomina ta' korpi nazzjonali tal-infurzar, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-korpi nazzjonali tal-infurzar, il-penali, u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dawn l-elementi jtejb u l-kwalità tat-test legali u jikkostitwixxu titjib fil-livell ta' protezzjoni tal-passiġġieri, u jiżguraw ukoll aktar allinjament mar-regoli applikabbli għal modi oħra ta' trasport.

4.2.2. Emendi aċċettati parzjalment

Kwoti tal-bagalji

Permezz tal-emenda 144, il-PE jfittex li jintroduċi dispożizzjonijiet dwar il-bagalji tal-idejn fir-Regolament (KE) Nru 261/2004, filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 fiha r-regoli dwar il-ġarr tal-bagalji fl-Artikolu 2 tal-proposta, li temenda r-

Regolament (KE) Nru 2027/97, inkluża r-responsabbiltà tal-korpi nazzjonali tal-infurzar li jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

L-emenda 144 tipprevedi Artikolu 11a ġdid (“Dritt għal oġġetti personali u bagalji tal-idejn”) li jinkludi tliet paragrafi: il-paragrafu 1 dwar l-“oġġetti personali”, il-paragrafu 2 li jistabbilixxi dritt għal bagalja tal-idejn waħda inkluża fil-prezz tal-biljett, u l-paragrafu 3 dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar il-proċedura għall-irkupru ta' oġġetti personali u ta' bagalji tal-idejn minsija fil-kabina tal-inġenju tal-ajru.

Il-Kummissjoni tirrifjuta s-suġġeriment li jiġi rregolat id-dritt li jinġiebu bagalji tal-idejn mingħajr kost żejjed (il-paragrafu 2 tal-artikolu l-ġdid propost) kif mitlub mill-PE fl-emenda 144 u fl-emenda 204 jew fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 jew fir-Regolament (KE) Nru 2027/97. Tali miżura jeħtieġ li tkun is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt xierqa biex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati, u din il-valutazzjoni tinsab għaddejja bħala parti mir-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 (ara wkoll it-taqsim 4.2.4 taħt il-bagalji tal-idejn).

Fir-rigward tal-partijiet li jifdal tal-emenda 144, il-Kummissjoni tqis li l-paragrafu 1 tal-artikolu l-ġdid dwar l-“oġġetti personali” ikun indirizzat aħjar ukoll bħala parti mir-rieżami li għaddej tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar is-Servizzi tal-Ajru, fejn il-miżuri dwar l-oġġetti personali jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt sħiħa.

B'mod alternattiv, jekk din il-kwistjoni (il-paragrafu 1) kellha tiġi indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-korpi nazzjonali tal-infurzar ikollhom ikunu responsabbli wkoll għall-infurzar ta' dawn ir-regoli (ta' min jinnota li l-Parlament Ewropew ma pproponiex emenda fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Korpi Nazzjonali għall-Infurzar (NEBs, National Enforcement Bodies) skont ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tal-2013). F'tali każ, il-Kummissjoni tista' turi flessibbiltà dwar jekk din il-kwistjoni hijiex irregolata fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 jew fir-Regolament (KE) Nru 2027/97.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-paragrafu 3 (dwar l-ġhoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri dwar il-proċeduri jekk il-bagalji tal-idejn jitħallew fil-kabina tal-inġenju tal-ajru). Dan għandu jkun irregolat fir-Regolament (KE) Nru 261/2004.

Dikjarazzjoni ta' interess tat-tagħmir ta' mobbiltà

L-emenda 199 tikkonċerna d-dikjarazzjoni speċjali ta' interess li l-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa jistgħu jagħmlu biex ikopru t-tagħmir ta' mobbiltà tagħhom f'każ ta' telf jew ħsara oltre l-ammont standard ta' kumpens previst fil-Konvenzjoni ta' Montreal u fir-Regolament (KE) Nru 2027/97. L-emenda tobbliga lill-Kummissjoni tadotta formola mudell għal tali dikjarazzjoni speċjali. Il-Kummissjoni topponi dan l-obbligu peress li joħloq piż amministrattiv żejjed inkluż għat-trasportaturi bl-ajru, minħabba li jkunu meħtieġa jużaw formola differenti minn dik li normalment jużaw. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa l-emenda 199 bil-kundizzjoni li jitħassar ir-reqwiżit li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formola mudell li għandha tintuża.

Skadenzi

Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew hija differenti minn dik tal-Kunsill fir-rigward tad-diversi skadenzi imposti fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jinfurmaw lill-passiġġieri (l-emenda 88), biex jirrimborżaw lill-passiġġieri (l-emendi 114, 124, 131), biex jippermettu estensjoni tal-iskadenzi f'każ ta' pjan ta' kontinġenza attiv (l-emendi

118 — ara hawn taħt l-emendi rrifjutati — u 129), u biex jirċievu lment mill-passiġġieri (165 u 180).

Fir-rigward tal-emenda 88, il-Kummissjoni taqbel mal-iskadenza proposta mill-Parlament Ewropew biex il-passiġġieri jiġu infurmati dwar avveniment hekk kif l-informazzjoni tkun disponibbli u mhux aktar tard minn 30 minuta, peress li dan huwa konformi mal-proposta tal-Kummissjoni (ara l-Artikolu 14(5) fil-COM(2013) 130 final).

Fir-rigward tal-emendi 114 u 124, il-Kummissjoni taqbel mal-iskadenza ta' 7 ijiem għar-rimborżi jew għall-ħlasijiet biss jekk l-intermedjarji ma jkunux involuti. Jekk ikunu involuti, għandhom japplikaw skadenzi estiżi (ara l-abbozz il-ġdid tal-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 fil-proposta COM (2023) 753 final). Fir-rigward tal-emenda 124, il-Kummissjoni hija favur skadenzi estiżi f'każ li jiġu attivati pjanijiet ta' kontinġenza u għalhekk tappoġġa f'dan ir-rigward il-pożizzjoni tal-Kunsill, li tipproponi estensjoni għal 30 jum għar-rimborżi filwaqt li fl-emenda 124 il-Parlament Ewropew ippropona li titħassar tali estensjoni.

Fir-rigward tal-emenda 131, il-Kummissjoni tista' taqbel mal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-iskadenza ta' 7 ijiem għar-rimborż f'każ ta' tnaqqis fil-grad, minħabba li dan jikkorrispondi għar-rekwiżit skont ir-regoli attwali.

Infurzar

Il-Kummissjoni tista' tappoġġa s-soluzzjoni barra mill-qorti proposta fl-emendi 40 u 185 parzjalment biss, peress li l-Kummissjoni topponi li l-parteciġazzjoni tal-linji tal-ajru fil-proċeduri tas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR, alternative dispute resolution) issir obbligatorja u li d-deċiżjonijiet tal-ADR ikunu vinkolanti mingħajr valutazzjoni minn qabel. L-ADR obbligatorja b'deċiżjonijiet vinkolanti imposti fuq l-Istati Membri kollha tinvolvi piż amministrattiv addizzjonali u ma ġietx iġvalutata bir-reqqa. Bħala referenza, il-ftehim reċenti dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar lanqas ma jintroduċi dan għall-pakkett tal-ivvjaġġar għal raġunijiet simili.

4.2.3. Emendi aċċettati soġġetti għal riformulazzjoni jew għal qbil fil-prinċipju

Ċirkostanzi straordinarji

Fl-emenda 99, il-Parlament Ewropew jintroduċi artikolu ġdid dwar “ċirkostanzi straordinarji li jipprevedu, *inter alia*, lista eżawrjenti ta' ċirkostanzi fl-Anness li għandhom jitqiesu bħala ‘straordinarji’”, li jista' jiġi emendat mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-emenda 99 jekk il-lista eżawrjenti tiġi sostitwita b'lista mhux eżawrjenti.

L-emendi 86 u 93 jipprevedu l-obbligu tat-trasportatur bl-ajru li jħallas kumpens għall-kanċellazzjonijiet u għad-dewmien jekk jonqos milli jippreżenta prova tal-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji. Madankollu, ma hemm l-ebda skadenza stabbilita għat-trasportatur bl-ajru biex jipprovdi tali prova. Sabiex jiġi żgurati ċ-ċertezza legali u soluzzjoni rapida tat-tilwim, il-Kummissjoni tista' tappoġġa dawn l-emendi jekk ikun hemm skadenza ċara miżjuda għas-sottomissjoni mit-trasportatur bl-ajru ta' prova tal-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji.

L-emendi 215 sa 239 jikkonċernaw diversi avvenimenti li jikkostitwixxu ċirkostanzi straordinarji. B'mod ġenerali, il-lista ta' ċirkostanzi inkluża mill-Parlament Ewropew tirrifletti fil-biċċa l-kbira l-korp eżistenti ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea iżda f'diversi każijiet tiddevja minnha. Mingħajr preġudizzju għall-

pożizzjoni tagħha li l-lista trid tibqa' mhux eżawrjenti u soġġetta għal emenda futura permezz ta' setgħat delegati, sabiex jiġi żgurat li tibqa' aġġornata, il-Kummissjoni tista' tappoġġa ċ-ċirkostanzi speċifiċi inklużi, dment li dawn ikunu fformulati b'tali mod li jirriflettu l-approċċ ġenerali żviluppat mill-ġurisprudenza.

Ammonti u livelli limiti ta' kumpens

Fir-rigward tal-emendi 100, 101 u 102 (l-ammonti ta' kumpens għal kull distanza) u l-emendi 105, 106 u 107 (il-livelli limiti li jwasslu għall-kumpens) biex tiffaċilita kompromess ġenerali, il-Kummissjoni tista' turi flessibilità fir-rigward tal-livelli limiti kif ukoll tal-ammonti għal kumpens għad-dewmien dment li l-ftehim finali jtejjeb bl-aktar mod effettiv u effiċjenti d-drittijiet tal-passiġġieri filwaqt li jqis l-impatt fuq il-vijabbiltà finanzjarja tat-trasportaturi bl-ajru.

Aġġustament tal-ammonti ta' kumpens

Bl-emenda 104, il-Parlament Ewropew ifittex li jobbliga lill-Kummissjoni taġġusta l-ammonti ta' kumpens permezz ta' att delegat kull 3 snin. Il-Kummissjoni tista' taqbel fil-prinċipju ma' din il-proposta soġġetta għal perjodu estiż ta' 5 snin għal tali rieżami sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv.

Formoli mimlijin minn qabel

L-emendi 88, 91, 97 u 111 jintroduċu l-obbligu għat-trasportaturi bl-ajru li jipprovdu lill-passiġġieri b'formoli mimlijin minn qabel biex jitolbu kumpens u rimborż. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-prinċipju li t-trasportaturi bl-ajru jintalbu jipprovdu formoli mimlijin minn qabel sabiex jiġi żgurat li l-passiġġieri jkunu jistgħu jasserixxu d-drittijiet tal-passiġġieri tagħhom b'mod aktar effettiv, soġġett għal aktar titjib fl-abbozzar fir-rigward i) tal-kontenut tal-formola u ii) taċ-ċirkostanzi li fihom trid tiġi pprovduta.

L-emenda 156 tirrikjedi riformulazzjoni peress li tirreferi wkoll għal formoli mimlijin minn qabel relatati ma' lmenti skont l-Artikolu 15a (l-emendi 164 sa 171) li ma jsemmix tali formoli.

Infurzar

Il-Kummissjoni taċċetta fil-prinċipju l-emendi relatati mat-trattament tal-ilmenti mit-trasportaturi bl-ajru u mill-intermedjarji, mat-trattament tal-ilmenti mill-korpi nazzjonali tal-infurzar, mas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, man-nomina ta' korpi nazzjonali tal-infurzar u mal-kompiti tal-infurzar mill-korpi nazzjonali tal-infurzar. Madankollu, l-emendi li ġejjin jirrikjedu abbozzar mill-ġdid sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza, il-koerenza u ċ-ċertezza legali: 40, 165, 173, 179 u 180.

Setgħat delegati

L-emenda 187 (l-eżerċizzju ta' delega) tagħti d-dritt lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati għal perjodu ta' 5 snin biss, bil-possibbiltà ta' estensjonijiet. Il-Kummissjoni setgħet taċċetta l-emenda 187 dment li d-delega tas-setgħat tingħata għal perjodu ta' żmien illimitat.

Ilmenti dwar il-bagalji

Bl-emenda 194, il-Parlament Ewropew jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ilmenti tal-passiġġieri fir-rigward ta' ħsara jew dewmien tal-bagalji li jipprevedu modi speċifiċi li bihom l-ajruporti għandhom jagħmlu disponibbli l-formoli tal-ilmenti. Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel fil-prinċipju ma' din l-emenda, hija tappella

għal mod aktar newtrali fir-rigward tat-teknoloġija għall-forniment tal-formola tal-ilmenti.

Rappurtar mill-Kummissjoni

L-emenda 211 tipprevedi l-obbligu tal-Kummissjoni li tirrapporta dwar l-operat tar-Regolament emendat. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa l-emenda 211 jekk l-iskadenza ta' 3 snin tiġi estiża għal 5 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendat, sabiex tkun tista' ssir analiżi sħiħa tal-impatt tagħha.

Persuni bi bżonnijiet speċifiċi

Bl-emenda 143, il-PE għandu l-għan li jagħmel it-trasportaturi bl-ajru responsabbli, minbarra li jipprovdi rotta differenti u assistenza, anke għall-kumpens lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (PMM) kif ukoll lit-tfal mhux akkumpanjati jekk jitilfu titjira minħabba assistenza insuffiċjenti fl-ajruport mill-korp ta' ġestjoni tal-ajruport. L-emenda tagħti mandat lill-Kummissjoni biex din tagħti dettalji dwar il-modalitajiet ta' tali skema u tal-mekkaniżmi ta' rimedju għat-trasportaturi bl-ajru lejn il-korpi ta' ġestjoni tal-ajruport permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni ma kienx fiha tali dispożizzjoni, u għalhekk il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt dwar dan l-aspett. Il-Kummissjoni tinnota li l-Istati Membri rrappurtaw ftit każijiet bħal dawn matul id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-obbligu li passiġġier b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa jiġi assistit f'ajruport jaqa' fuq il-korp ta' ġestjoni ta' ajruport skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006. Obbligu potenzjali għat-trasportatur bl-ajru li jħallas kumpens lil passiġġier b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa li ma kienx ġie assistit b'mod effettiv mill-korp ta' ġestjoni ta' ajruport ikun jeħtieġ li jiġi kkombinat ma' dritt espliċitu tat-trasportatur bl-ajru li jitlob dak il-kumpens lura mill-korp ta' ġestjoni ta' ajruport.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-prinċipju tal-emenda 143 soġġett għall-inklużjoni ta' dawn is-salvagwardji legali importanti.

Fir-rigward tat-tfal mhux akkumpanjati, l-emenda tipprevedi li r-responsabbiltà taqa' f'idejn it-trasportatur bl-ajru li jkun aċċetta li jittrasporta lit-tfal. F'tali każijiet, il-Kummissjoni tista' taqbel ma' dritt għal kumpens.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li att ta' implimentazzjoni jista' jkopri biss modalitajiet ġenwini. Id-dritt għal kumpens bħala tali, kif ukoll aktar drittijiet ta' rimedju, għandhom għalhekk jiffurmaw parti mill-elementi essenzjali tad-dritt innifsu inkluż fl-att bażiku.

4.2.4. Emendi rrifjutati mill-Kummissjoni

Premessi

L-emenda 54 titlob l-inklużjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri fil-ftehimiet internazzjonali. Il-Kummissjoni tirrifjuta din l-emenda peress li ma tikkorrispondi mal-ebda dispożizzjoni sostantiva fit-test tar-Regolament.

Fl-emenda 55, il-Parlament Ewropew isejjaħ għal faċilitajiet speċifiċi fl-ajruporti għal "passiġġieri b'diżabbiltà severa". Il-Kummissjoni tirrifjuta din l-emenda minħabba li l-kwistjoni għandha tiġi diskussa fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru

1107/2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru.

Definizzjonijiet

Fl-emenda 57, il-Parlament Ewropew jinkludi definizzjoni ġdida ta' "kost tal-biljett tal-ajru". Il-Kummissjoni tirrifjuta din l-emenda minħabba li l-kwistjoni hija ttrattata fil-proposta tal-infurzar.

Bl-emenda 58, il-Parlament Ewropew iżid definizzjoni ta' "prenotazzjoni". Dan it-terminu ma jintuża mkien fir-Regolament u għalhekk id-definizzjoni hija superfluwa. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 58.

Bl-emendi 62 u 63, il-Parlament Ewropew ħassar diversi linji tad-definizzjoni ta' kanċellazzjoni. Peress li dawn l-elementi ġew derivati mill-ġurisprudenza, it-tħassir tagħhom iħalli d-definizzjoni mhux kompluta u ambigwa. Għalhekk, dan it-tħassir ġie rrifjutat.

Bl-emenda 68, il-Parlament Ewropew żied test mad-definizzjoni ta' "titjiriet ta' konnessjoni" li jirreferi għal kuntratt ta' trasport wieħed. Tali kontroreferenza mhijiex meħtieġa u hi potenzjalment qarrieqa. Għalhekk, din iż-żieda ġiet irrifjutata.

Ċirkostanzi straordinarji

Bl-emenda 67, il-Parlament Ewropew ħassar id-definizzjoni tat-terminu "ċirkostanzi straordinarji" u mexxieha għall-Artikolu 6c. Għal raġunijiet ta' konsistenza u f'konformità mal-linji gwida għall-abbozzar legiżlattiv¹ — id-definizzjonijiet kollha għandhom ikunu f'artikolu wieħed (l-Artikolu 2). Għaldaqstant, dan it-tħassir ġie rrifjutat.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emendi 213 u 214 (karatterizzazzjoni ta' ċirkostanzi straordinarji bħala "li jistgħu jitqiesu" bħala straordinarji), peress li l-Kummissjoni temmen li tali karatterizzazzjoni ta' ċirkostanzi straordinarji mhijiex ċara u għalhekk tista' twassal għal inċertezza legali u għal konfużjoni għall-passiġġieri.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 213 ukoll minħabba li tfittex li tiddel l-istatus tal-lista minn "mhux eżawrjenti" għal "eżawrjenti". Filwaqt li dan jista' jkollu vantaġġi għaċ-ċertezza legali, huwa importanti li jiġi evitat ir-riskju li ċirkostanza li għandha tkun straordinarja tiġi injorata u titħalla barra mil-lista.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 240 (it-tħassir tal-lista ta' ċirkostanzi mhux meqjusa bħala straordinarji). Tali lista inkluża fl-Anness 1 tikkontribwixxi għaċ-ċarezza legali kif kienet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2013.

Kamp ta' applikazzjoni

Il-Parlament Ewropew jipproponi li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġi estiż għat-titjiriet li jaslu fl-Unjoni minn dawk operati mit-trasportaturi bl-ajru tal-UE għat-trasportaturi kollha billi titħassar il-limitazzjoni "jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera jkun trasportatur bl-ajru tal-Unjoni" (l-emenda 72). Dan ikun ifisser li l-passiġġieri li jtiru ma' trasportaturi bl-ajru mhux tal-UE li joperaw titjiriet lejn ajruporti tal-UE jaqgħu taħt ir-Regolament għall-ewwel darba, u b'hekk titwessa'

¹ Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni maħsuba għal persuni involuti fl-abbozzar ta' testi ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea, 2015; linja gwida 14

b'mod sostanzjali l-kopertura tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-ispazju tal-ajru Ewropew kollu.

Il-Kummissjoni ma pproponietx li temenda l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u ma vvalutatx l-impatt ta' tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha.

Filwaqt li l-Kummissjoni tibqa' lesta li tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament billi tivvaluta fil-futur ir-riskji ta' kunflitt ta' ġurisdizzjonijiet u d-diffikultajiet fl-infurzar — kif propost fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mħassra mill-emenda 191 — il-Kummissjoni ma tistax tappoġġa l-estensjoni immedjata tal-kamp ta' applikazzjoni mingħajr valutazzjoni minn qabel. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emendi 48, 72 u 191.

L-emendi 75 u 76 iħassru d-dispożizzjonijiet fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-applikazzjoni tar-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-istat tad-diskussjonijiet attwali dwar Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Kummissjoni topponi dan it-tħassir u b'hekk tirrifjuta l-emendi 75 u 76.

Kamp ta' applikazzjoni personali

L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 jeżenta ċerti passiġġieri mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari l-passiġġieri li jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew bi prezz imnaqqas li mhux qiegħed għad-dispożizzjoni direttament jew indirettament għall-pubbliku. Bl-emenda 73, il-Parlament Ewropew iħassar din l-eżenzjoni. Il-Kummissjoni topponi dan it-tħassir peress li d-dispożizzjoni pprovdiet eżenzjoni ġustifikata (u limitata). Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 73.

Passiġġieri li ma jitħallewx jitlegħu

Fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Kunsill iżomm fid-definizzjoni ta' "imbark miċħud" ir-raġunijiet raġonevoli elenkati fil-pożizzjoni tiegħu (saħħa, sikurezza, sigurtà jew dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar mhux adegwata) biex jiġġustifikaw imbark miċħud, peress li dawk l-eċċezzjonijiet huma diġà definiti fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 (l-Artikolu 2(j)). Dan huwa konformi mar-Regolament attwali u l-Kummissjoni ma pproponietx li temenda din id-definizzjoni.

Bl-emenda 61, il-Parlament Ewropew ifittex li jħassar ir-raġunijiet raġonevoli. Dan ikun ifisser li t-trasportaturi bl-ajru jkollhom jittrattaw każijiet fejn il-passiġġieri jiġu rrifjutati t-trasport għal raġunijiet leġittimi bħala passiġġieri li ma jitħallewx jitlegħu. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan ipoġġi piż mhux raġonevoli fuq it-trasportaturi bl-ajru u ma jistax jiġi ġġustifikat. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 61.

F'każ ta' passiġġieri li ma jitħallewx jitlegħu kontra r-rieda tagħhom, jistgħu jagħżlu rimborż tal-prezz tal-biljett. Skont ir-regoli attwali, ir-rimborż għandu jsir fil-limitu ta' żmien għar-rimborżi, jiġifieri 7 ijiem. Il-PE jitlob li r-rimborżi jingħataw minnufih f'każ ta' passiġġieri li ma jitħallewx jitlegħu (l-emenda 79). Il-Kummissjoni tqis li dan huwa piż żejjed fuq it-trasportatur bl-ajru li jopera, peress li l-prezz tal-biljett li jikkorrispondi għall-partijiet mhux użati tal-biljett (il-partijiet tat-titjira mhux użati) mhux dejjem jista' jiġi stabbilit minnufih, b'mod partikolari f'każijiet ta' titjiriet ta' konnessjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 79.

Assigurazzjoni/fond ta' garanzija

L-emendi 50 u 87 jintroduċu l-obbligu għal-linji tal-ajru li jipprevedu assigurazzjoni u fond ta' garanzija. Il-Kummissjoni ma pproponietx tali regoli, u lanqas il-Kunsill ma għamel hekk. Il-Kummissjoni ma tistax tappoġġa l-introduzzjoni immedjata ta' tali regoli mingħajr valutazzjoni minn qabel. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emendi 50 u 87, peress li diġà qed tivvaluta l-ħtieġa ta' tali regoli fil-kuntest tar-rieżami li għaddej tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar is-Servizzi tal-Ajru.

Kumpens doppju

Fl-2013, il-Kummissjoni pproponiet li d-dritt għal kumpens jista' jingħata darba biss meta l-passiġġieri tingħatalhom rotta alternattiva mal-ewwel opportunità lejn id-destinazzjoni finali tagħhom. Il-Kunsill żamm din id-dispożizzjoni fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Bl-emenda 108, il-PE jirrikjedi li l-passiġġieri jibqgħu eliġibbli għal kumpens addizzjonali f'każ li jesperjenzaw tfixkil ulterjuri tal-ivvjaġġar meta jkomplu l-vjaġġ tagħhom. Peress li l-kumpens għandu jkun dovut darba biss matul vjaġġ, il-Kummissjoni tfittex li żżomm il-bilanċ tal-proposta oriġinali tagħha u għaldaqstant tirrifjuta din l-emenda.

Forma ta' ħlas

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 112 li telimina l-possibbiltà espliċita għat-trasportaturi bl-ajru li jaqblu mal-passiġġier li jħallsu kumpens f'forom oħra għajr flus kontanti, bħal fil-forma ta' vawċer. Il-Kummissjoni tenfasizza li din hija għażla utli għal ċerti passiġġieri u għalhekk għandha tinżamm filwaqt li tibqa' soġġetta għal kunsens espliċitu mill-passiġġier.

Skadenzi

Fl-emenda 84, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tirrikjedi li t-trasportaturi bl-ajru jinfurmaw lill-passiġġieri b'mezzi elettroniċi bir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin tat-tluq skedat. Minħabba l-kumplessità potenzjali tar-raġunijiet għal tali kanċellazzjonijiet, dan il-perjodu ta' żmien huwa qasir wisq.

Fl-emenda 118, il-Parlament Ewropew jipproponi li titħassar estensjoni tal-iskadenza għal 30 jum għar-rimborżi f'każ li jiġu attivati pjanijiet ta' kontinġenza. Il-Kummissjoni hija favur skadenza estiża għar-rimborżi f'każ ta' pjanijiet ta' kontinġenza attivati u għalhekk ma tistax taċċetta l-emenda 118.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 129, minħabba li l-iskadenza ta' 3 sigħat biex it-trasportatur bl-ajru jissodisfa l-obbligu tiegħu li jipprovdi assistenza lill-passiġġieri tista' ma tkunx proporzjonata fil-każijiet kollha (tista' tkun ukoll inqas ħin eż. jekk l-interruzzjoni sseħħ wara nofsillejl), l-istabbiliment ta' indiċi dwar il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni fl-Istati Membri jikkawża piż amministrattiv għoli, l-indiċi jkun meħtieġ ukoll għall-pajjiżi terzi, u minħabba li estensjoni tal-iskadenza f'każ li jiġu attivati pjanijiet ta' kontinġenza tkun tħalliet miftuħa (probabbilment bi żball).

Trasferiment tal-biljetti

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 145 (dritt għat-trasferiment ta' biljett f'każ ta' mewt tal-passiġġier jew ta' qraba tiegħu), peress li l-Kummissjoni tqis li hemm ir-riskju li trasferiment ta' biljett lil persuna oħra joħloq suq illeċitu għall-biljetti użati u bħala tali għandu jiġi evitat.

Rekwiżit tal-informazzjoni fil-każ ta' biljetti kkombinati

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari kienet inkludiet l-obbligu għat-trasportaturi bl-ajru u għall-intermedjarji li jinfurmaw b'mod ċar lill-passiġġieri f'każ li jbigħu biljett kopert minn kombinazzjoni ta' kuntratti tat-trasport bl-ajru. It-test imħassar fittex li jiċċara lill-passiġġieri li jekk ma jinbiegħux biljetti taħt kuntratt wieħed ma jgawdux id-dritt relatat ma' kumpens, rimborż, rotta alternattiva jew assistenza fil-każ ta' titjira sussegwenti mitlufa.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 151 li tħassar dan l-obbligu.

Infurzar

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 41 (il-pubblikazzjoni ta' lista ta' trasportaturi li jonqsu milli jikkonformaw mar-regolament tal-Kummissjoni), peress li l-premessa proposta ma tikkorrispondi mal-ebda dispożizzjoni sostantiva fit-test tar-Regolament. Barra minn hekk, l-obbligu propost fuq il-Kummissjoni jikkostitwixxi piż amministrattiv eċċessiv.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 168 (l-iskadenzi/ir-reazzjoni għall-ilmenti), peress li l-approċċ propost li bih in-nuqqas ta' tveġiba mit-trasportatur bl-ajru jew mill-intermedjarju għal ilment jitqies li jikkostitwixxi aċċettazzjoni tal-ilmenti tal-passiġġier jista' jkun estensiv u joħloq inċertezza legali. Dan l-approċċ lanqas ma jidħol fl-arkitettura legali tat-trattament tal-ilmenti skont dan ir-regolament, u lanqas ma jkun konsistenti mal-mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti skont il-leġislazzjoni eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 182 (spezzjonijiet tal-korpi nazzjonali għall-infurzar mill-Kummissjoni), peress li l-obbligu propost jista' jkun inkonsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u jkollu wkoll implikazzjonijiet amministrattivi u finanzjarji sinifikanti għall-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 186 (id-dokumenti ta' konformità) minħabba l-piż amministrattiv miżjud.

Kwoti għat-trasparenza tal-bagalji

Il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 202 (it-trasparenza/ix-xiri ta' servizzi tal-ivvjaġġar ewlenin/l-imposti addizzjonali), peress li r-regoli dwar kif dawn is-servizzi u l-imposti jistgħu jinxtraw u għandhom jintwerew għal skopijiet ta' trasparenza jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar is-Servizzi tal-Ajru.

Bagalji tal-idejn

Fl-emenda 204, il-PE jitlob li l-bagalji tal-idejn b'dimensjoni massima ta' 100 cm (it-total tal-wisa', it-tul u l-għoli) u piż massimu ta' 7 kg, jiġu ttrasportati mit-trasportatur bl-ajru mingħajr kostijiet żejda għall-passiġġier. B'mod partikolari, għandu jitqies li diġà tnediet valutazzjoni tal-impatt dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet fil-kuntest tar-rieżami tar-Regolament dwar is-Servizzi tal-Ajru, fejn il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa għalqet f'Diċembru 2025. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma maqsuma. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija mħassba dwar il-konsegwenzi mhux intenzjonati possibbli tal-adozzjoni ta' standard li bħalissa ma jintużax ħafna. Dan jista' jżid ir-riskju li l-linji tal-ajru jistgħu jnaqqsu l-kwoti tal-bagalji tal-idejn mil-livelli attwali tagħhom, li huma approssimati għall-massimu rrakkomandat mill-IATA (56 x 45 x 25 = 126cm). Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-emenda 204 u d-dispożizzjoni korrispondenti fl-emenda 144.

5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-proċess leġislattiv bil-ħsieb li tiffaċilita eżitu bbilanċjat u legalment robust li jiżgura protezzjoni effettiva tal-passiġġieri filwaqt li żżomm qafas proporzjonat u fattibbli għas-settur tal-avjazzjoni.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata għal involviment kostruttiv maż-żewġ koleġislaturi fl-istadji li jmiss tal-proċedura.